MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Numru. 452/2010

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Nasro Hassan Mohamed, bint Hassan Mohamed, imwieleda s-Somalia fl-1 ta' Jannar, 1984, Numru tal-Pulizija 09J-009

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli fis-6 ta' Mejju, 2010 u fil-ġimgħat ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:
1. xjentement għamlet użu minn xi dokument iffalsifikat, u cioe' karta ta' l-identita taljana, passport għall-barranin ta' l-Italja u permess ta' residenza taljana;
2. kienet fil-pussess ta' passaport li hija kienet taf li huwa ffalsifikat u/jew li sar tibdil fuqu;

3. mingħajr awtorita’ kompetenti użat jew kienet fil-pussess ta’ dokument iffalsifikat meħtieġ għal għanijiet ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2010 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannaha għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------